MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Numru. 252/2014

Il-**Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

***OMISSIS***

**PANIRAN SHIVA**

***OMISSIS***

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **Omissis**, **PANIRAN SHIVA,** ta' tmienja u tletin (38) sena, bint Ahmad u Keyhan, imwielda Shiradz, Iran fil-21 ta' Settembru 1975, detentrici tal-passaport numru I25856449 u minghajr indirizz fiss f'Malta giet imressqa quddiemha u **Omissis** gew akkuzati talli:

Fl-10 ta' Marzu, 2014 kif ukoll fix-xhur ta' wara u fix-xhur ta' qabel, f'Malta, iffalsifikat dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom Stqarrija tal-imputata Paniran Shiva Dok. "CSH1", *personal details form* tal- imputata immarkata Dok. "CSH2", fotokopja tal-passaport originali tal-imputata markata Dok. "CSH3", il-visas allegatament foloz tal-imputata u ta' bintha minuri Hejdari Shakiba mmarkati lkoll flimkien Dok. "CSH9", zewg rapporti mahruga mill-Laboratorju Forensiku tal-Pulizija mmarkati Dok. "CSH10" u Dok. "CSH11" rispettivament, il-kunsens tal-Avukat Generali bil-lingwa Maltija Dok. "CSH12" u l-kunsens bil-lingwa Ingliza Dok. "CSH13".

Semghet l-imputata tiddikjara li m'ghandhiex mezzi biex tinkariga avukat ta' fiducja taghhom sabiex tassistiha f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti

nnominat lil Dr Dorianne Vella bhala avukat tal-ghajnuna legali li llum imiss it-turn sabiex tassisti lill-imputata.

Semghet lill-imputata tghid li ma tafx bil-lingwa Ingliza u Maltija u ghalhekk talbet in-nomina ghall-assistenza ta' nterpretu mil-lingwa Korda ghal-lingwa Maltija u l-Qorti nnominat lil Masoud Farshian sabiex tittraduci mil-lingwa Maltija ghal dik Korda u vici versa.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu 2014 u dana fil-presenza tal-interpretu u tal-avukat tal-ghajnuna legali u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk riedet, setghat terga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu 2014.

Rat illi l-imputata ghandha tifla ta' tnax-il sena hawn Malta u ghalhekk il-Qorti dehrilha li ma sethetx tghaddi ghas-sentenza qabel ma l-awtoritajiet jiddikjaraw x'arrangamenti ghamlu ghaz-zamma ta' din il-minuri u kien ghalhekk li din il-Qorti iddiferiet il-kawza ghal data ohra qabel ma ghaddiet ghas-sentenza taghha.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li dawn it-tip ta' reati qed jikkrejaw perikolu fis-socjeta' u li wasal iz-zmien sabiex il-Qorti tindirizza din il-problema li hija akuta u qed tinfirex fid-dinja kollha tant li llum ghandha hafna nies li qed ihallu pajjizhom bil-ghan li jfittxu hajja ahjar pero' nel frattemp jiksru l-ligijiet internazzjonali u lokali. Illi ghalhekk wasal iz-zmien li l-Qorti taghti messagg lis-socjeta' li dawk in-nies li ser ihallu pajjizhom minghajr id-dokumentazzjoni legali taghhom ser jaffrontaw il-gustizzja u jsibu id iebsa tistennihom, u dan bil-ghan li tali reat li qed issir komuni hafna jigi ndirizzat.  Ghalhekk qed tinsisti li din il-Qorti taghti piena karcerarja.

Semghet ukoll lill-istess Prosekuzzjoni tghid illi dan huwa kaz partikolari fis-sens illi l-imputata ghandha maghha hawn Malta tifla minuri li ma titkellem bl-ebda lingwa hlief dik Kurda u fil-prezent tinsab kurata Dar Spinelli.  Semghet ukoll lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputata kkooperat bi shih maghha tul din l-investigazzjoni.

Semghet lid-difiza tenfasizza illi dan huwa kaz umanitarju fis-sens illi flimkien mal-imputata din il-Qorti ghandha quddiemha tifla minuri li tinsab fi tbatija kbira mifruda minn ommha, mharsa go istitut minn nies li ma jafux jitkelmu l-lingwa taghha u ghalhekk tinsab fi stat pjetuz hafna.

Id-difiza taqbel illi l-piena ghandha tkun wahda karcerarja pero' ssostni li stante l-ammissjoni bikrija tal-imputata, stante dak verbalizzat mill-

Prosekuzzjoni li l-imputata kkooperat bi shih maghha u stante l-fatt li dan huwa kaz izolat mibni fuq bazi umanitarju, ikun idoneu jekk din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-piena karcerarja.

Il-Qorti rat dak li qalu s-social workers f'dan il-kaz u cioe' li huwa minnu li l-minuri qeghda tbaghti hafna u dan ghaliex tinsab il-boghod minn pajjiza, il-boghod minn ommha li tinsab il-habs, u b'diffikulta' kbira sabiex tikkomunika minhabba l-'language barrier'. Qieset ukoll dak li trattat dwaru d-difiza u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi partikolari ghall-kaz, il-Qorti ser tordna s-sospensjoni tal-piena karcerarja li hija sejra timponi.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 183, 184 u 189 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 32 (1d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputata PANIRAN SHIVA hatja tal-akkuzi kif moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront taghha u tikkundannaha tlettax (13)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------